**Fil-Qorti tal-Magistrati Malta**

**Bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A., LL.M(Kent)., LL.D., Barrister-at-Law (England & Wales)**

**Illum it-12 ta' Dicembru 2023**

**Kump Numru: 713/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg**

**Spettur Gabriel Micallef)**

**Vs.**

**Aleksandrova Eftima**

**Aleksandrova Gergina**

**Aleksandrov Zlatko**

Il-Qorti rat li tressaq taht arrest lil:

Aleksandrova Eftima, bint Simeonova u Elena nee' Ivanovich, mwielda 1-Bulgarija nhar it-02 ta' Frar 1996, minghajr indirizz u detentur tal-kalta tal-identita' Bulgara 651966230.

Aleksandrova Gergina, bint Krasteva u Bonka nee' Nedalkovh, mwielda 1-Bulgarija nhar 1-01 ta' Jannar 1955, minghajr indirizz u detentur tal-karta tal-identita' Bulgara 651634565.

Aleksandrov Zlatko, iben Aleksandrov u Gergina nee' Aleksandrova, mwielda lBulgarija nhar 1-14 ta' Mejju 1977, minghajr indirizz u detentur tal-karta tal-identita' Bulgara 652595766.

BILLI huma akkuzati talli b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru 1-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'risoluzzjoni wahda:

1. Akkuzati talli nhar it-13 ta' Settembru, 2022, ghall-habta ta' nofsinhar u/jew fil-hinijiet qabel, gewwa 1-Belt Valletta, kkomettqjtu serq semplici ta' handbag b'numru ta' oggetti fosthom, kartiera, flus kontanti u numru ta' oggetti ohra, ghad-detrimemt ta' Mary Debattista u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Akkuzati talli fil-15 ta' Settembru 2022, ghall-habta tas- tas-saghtejn ta' filghodu mill-ATM sitwata fi Triq San Pawl, Belt Valletta, kkommettejtu serq ta' sitt mitt Ewro (€600) ghad-dannu tad-dirigenti talHSBC u ta' Mary Debattista u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur liema valur jeccedi il-mitejn tnejn u tletin euro u tlieta u disghan centezmu (€232.93) izda ma jiskorriex elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin éente±mu (€2,329.37) u

dan bi ksur tal-Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kapitolu 9 talLigijiet ta' Malta.

3. Akkuzati talli nhar is-17 ta^s Settembru, 2022, ghall-habta tas-saghtejn ta' waranofsinhar u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa 1-Belt Valletta, kkomettejtu serq ta' handbag b'numru ta' oggetti fosthom, nuccali taxxemx tal-marka 'Ray Ban nuccali tal-vista, kartiera, flus kontanti u numru ta' oggetti ohra, ghad-detrimemt ta' Rita Farrugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur liema valur jeccedi il-mitejn tnejn u tletin euro u tlieta u disghan centezmu (€232.93) izda ma jiskorriex elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin éenteimu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Akkuzati talli nhar is-17 ta^s Settembru, 2022, ghall-habta tas-saghtejn ta' waranofsinhar mill-ATM sitwata fi Triq San Pawl, Belt Valletta, bil-hsieb li taghmlu delitt cioe' serq ta' sitt mitt Ewro (€600), ghad-dannu tad-dirigenti tal-BOV u ta' Rita Farrugia u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra, wrejtu dan il-hsieb b'atti esterni u tajtu bidu ghallesekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghkhom u dan bi ksur talArtikolu 41 (l )(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Akkuzati talli nhar is-06 ta ^s Settembru, 2023, ghall-habta tas-saghtejn ta' waranofsinhar u/jew fil-hinijiet ta^x qabel, gewwa 1-Belt Valletta, kkomettejtu serq ta' handbag b'numru ta' oggetti fosthom, kartiera, flus kontanti u numru ta' oggetti ohra, ghad-detrimemt ta' Puja Dosaj, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur

liema valur jeccedi il-mitejn tnejn u tletin euro u tlieta u disghan centezmu (€232.93) izda ma jiskorriex elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin éente2mu (€2,329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Akkuzati talli nhar id-09 ta^x Settembru, 2023, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija u/jew fil-hinijiet ta' qabel, gewwa Triq it-Torri, Sliema, kkomettejtu serq ta' kartiera b'numru ta' oggetti fosthom, dokumenti, flus kontanti u numru ta' oggetti ohra, ghad-detrilnemt ta' Jessie Caruana Triccas u dan bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Nakkuzaw lil Aleksandrov Zlatko wahdu talli irrenda ruhu recidiv a terminu ta' I-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

II-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza tat-13 ta’ Settembru 2023, wara li sar l-ezami ta’ l-imputati skont l-artikolu 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali, l-imputati wiegbu li ma kienux hatja ta’ l-akkuzi dedotti kontrihom.[1]

[1] Folio 46 ta’ l-atti processwali

Rat li waqt is-seduti tat-28 ta' Settembru 2023 u 12 ta' Ottubru 2023, l-imputati irregistraw ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijet dedotti kontrih, hlief ghal-addebitu tar-recidiva ta' l-imputat Aleksandrov Zlatko, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputati wara li l-Qorti a tenur ta' l-artikolu 392A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzathom u wissiethom solennement bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u ikkoncieditlhom zmien bizzejjed sabiex jergghu jikkonsultaw ma l-avukati taghhom u jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jerghu lura minnha.[2]

Rat li l-imputati regghu tennew u kkonfermaw l-ammissjoni inkondizzjonata taghhom.

Rat li fid-dawl ta' l-ammissjoni tal-imputat il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ghajr li ssibhom hatja tal-imputazzjonijiet ammessi minnhom u migjuba kontra taghhom u li a tenur ta' l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza dwarhom fil-konfront ta' l-imputati.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

[2] Folio 56 u 57 ta' l-atti processwali

Illi dan il-kaz jikkoncerna kaz ta' diversi serqiet li sehhu mill-imputati kontra diversi persuni tul medda ta' zmien f'inhawi differenti tul ix-xahar ta' Settembru 2023.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat Aleksandro Zlatko ghamel ammissjoni bla riservi ghall-imputazzjonijiet kollha hlief ghal-addebitu tar-recidiva skont l-artikolu 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Il-prosekuzzjoni esebiet sentenza[3] tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) li inghatat nhar il-21 ta' April 2008 kontra l-imputat Aleksandrov Zlatko li biha inghata terminu ta' prigunerija ghal sentenza li permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal sentejn.

Ghar-rigward l-addebitu tar-recidiva l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali jghid hekk:

*Persuna titqies reċidiva jekk, wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza, ukoll meta mogħtija minn qorti barranija li tkun għaddiet f'ġudikat, tagħmel reat ieħor.*

L-artikolu 50 jistqarr:

*Meta persuna ikkundannata għal delitt, tagħmel delitt ieħor fi żmien għaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun ġiet maħfura l-piena, jekk iż-żmien ta' dik il-piena kien iżjed minn ħames snin, jew fi żmien ħames snin, fil-każijiet l-oħra kollha, tista' teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

*teħel piena akbar bi grad wieħed mill-piena stabbilita għal dak id-delitt ieħor.*

[3] Dok DF1, Folio 60-63 ta' l-atti processwali

Illi l-artikolu 289 tal-Kodici Kriminali fuq piena fil-kaz ta' recidiva ta' serq jghid:

*"(1) Fil-każijiet ta' reċidiva fid-delitti msemmijin f'dan is-sub-titolu, il-piena tista' tiżdied, fil-każ tat-tieni kundanna bi grad jew tnejn, u fil-każ tat-tielet kundanna jew oħrajn warajha, minn grad sa tliet gradi.*

*(2) Meta ż-żieda fil-piena ma tistax issir ħlief billi tiġi mogħtija l-piena tar-reklużjoni, din il-piena tista' tingħata satmintax-il perijodu.*

L-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali huwa applikabbli *"fil-kazijiet ta' recidiva..."* ta' serq u peress li r-recidiva kif definita skont l-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali tirrikjedi li l-persuna koncernata *"tkun giet ikkundannata ghal reat..."* persuna li tigi ikkundanata prigunerija (anke jekk is-sentenza hija sospiza) ghandha titqies bhala persuna recidiva u ghalhekk ladarba hemm recidiva skont l-artikolu 49 u 50 hemm recidiva skont l-artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali u ghalhekk is-sentenza dwar serq taghti lok ghal zieda tal-piena taht l-artikolu msemmi.

Madankollu jirrizulta li r-reat u s-sentenza originali inghataw f'April tas-sena 2008 u dawn ir-reat godda sehhu f'Settembru 2023 u allura hmistax (15) il-sena wara. Il-piena li nghata nhar il-21 ta' April 2008 giet skontata erba snin wara u cioe nhar il-21 ta' April 2012. Ghaldaqstant jirrizulta li mill-21 ta' April 2012 sa 13 ta' Settembru 2022 ghaddew iktar minn ghaxar snin u t-terminu skont l-artikolu 50 tal-Kodici Kriminali inqabbez bi kwazi sitt xhur.

Ghaldaqstant ma jirrizultax li l-imputat Zlatko huwa recidiv ghaliex dawn il-imputazzjonijiet godda ma sehhewx fit-terminu legali li japplika r-recidiva u sejra tilliberah minn kull htija dwarha.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Illi waqt l-udjenza tat-12 ta' Ottubru 2023 id-difiza ta' l-imputati ghaddiet is-somma ta' elfejn, mija u tlettin Euro (€2,130) fi flus kontanti lil ufficjal prosekutur sabiex dawn jinghataw lura lill-vittmi f'dan il-kaz u ghaldaqstant il-Qorti mhix mehiega li taghmel ordni ta' kumpens.[4]

- Il-prosekuzzjoni esebit il-fedina penali ta' l-imputati li fil-kaz ta' Eftima hija netta u fil-kaz ta' Gergina u Zlatko jinsabu registrati sentenzi kontrihom.[5] Madankollu dawn is-sentenzi jirrelataw ghall-offizi li sehhew iktar minn ghaxar snin ilu u ma jirrizultax li qatt insabu hatja ta' delitti jew reati ohra fil-frattemp.

-L-imputati irregistraw ammisssjoni fit-tieni udjenza u ghaldawdaqstant fi stadju bikri tal-proceduri qabel ma tressqu provi, instemghu xhieda u l-Qorti dahhlet f'hafna hin u spejjez.

- Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu waqt is-smiegh tal-kawza tieghu u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutli ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[6], **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[7], u **ARCHBOLD Sentencing Guidelines 2021**[8] u **BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE.**[9]

---

[4] Folio 58 ta' l-atti processwali
[5] Folio 33-41 ta' l-atti processwali
[6] Qorti Kriminali deciza 24 ta' Frar 1997
[7] Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002]
[8] Thomson Reuteurs, S-29
[9] Blackstone Press Limited – 2006 edition

- Ghaldaqstant jirrizulta li ma sarx hafna xoghol li kien jirrikjedi xoghol u spejjez ghal Qorti. Ghaldaqstant jista jigi ikkunsidrat li l-ammissjoni saret fi stadju bikri u din ser tittiehed in konsiderazzjoni fl-ghoti tal-piena.

- Illi r-reat ta' attentat ta' serq huwa meqjus aggravat in vista tal-valur u l-hin u b'hekk din il-Qorti ghandha taghti piena tenut kont ta' l-aggravji u ghaldaqstant din il-Qorti ghandha taghti piena mhux fil-minimu skont l-artikolu 280 tal-Kodici Kriminali.

- Illi skont l-artikolu 20 tal-Kodici Kriminali meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum,il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum.

- Illi l-artikolu 142(1) tal-Criminal Justice Act 2003 fl-Ingilterra jistabbilixxi hames principji li ghandhom jigu segwiti fl-imposizzjoni tal-piena u cioe', *(a) the punishment of offenders (b) the reduction of crime (including its reduction by deterrence) (c) the reform and rehabilitation of offenders (d) the protection of the public (e) the making of reparation by offenders to persons affected by their offence.*

- Illi minn dak li rat u ezaminat il-Qorti jirrizulta li din il-Qorti trid tara mhux biss l-aspett riformattiv ta' l-imputat izda trid ssib bilanc bejn il-gravita' tal-kaz u l-harsien u l-interessi tal-vittmi tar-reat u s-socjeta' in generali sabiex tara li dan ir-reat ma jergax jigi kommess kif ukoll taghti l-harsien mehtiega lil pubbliku. Il-Qorti ghalhekk tqis, tenut kont tac-cirkostanzi, li piena ta' inkarcerazzjoni mhix ser thalli l-frott mistenni, anzi l-kuntrarju u ghalhekk il-Qorti sejra tghaddi ghall-piena alternattiva ghal dik ta' inkarcerazzjoni.

**Decide**

Il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 284, 261(c)(f), 267, 270, 41(1)(a) 383, 384, 385, 386, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill Aleksandrova Eftima, Aleksandrova Gergina u Alekandrov Zlatko fuq ammissjoni taghhom stess **hatja** ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom filwaqt li tiddikjara li Aleksandro Zlatko **mhux hati** ta' l-addebitu tar-recidiva skont l-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali u tikkundannahom piena karcerarja ta' sentejn (2) habs li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal-zmien erba' snin millum.

Il-Qorti spejgat lill-imputati l-import u l-obbligi naxxenti minn din is-sentenza.

In vista tal-fatt li ma gewx mahtura esperti f'dan il-kaz, din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Avukat Generali jinghata access ghal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma access ghal kopja skenjata tas-sentenza fi zmien sitt (6) ijiem tax-xoghol.

**Moghtija illum it-12 ta' Dicembru 2023 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.**

**Dr. Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Oriana Deguara**

**Deputat Registratur**